MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 568/2009

**Go p.l.c. (C – 22334)**

**vs**

**Nazzareno sive Ronnie
Agius (I.D. 39574M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta’ attrici talbet lil konvenut il-hlas tas-somma ta’ mitejn u tletin Euro u ghoxrin centezmi (€230.20), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21462399, skont kif jirrrizulta mid-dokumenti annessi ma’ l-avviz tat-talba u mmarkati Dok A.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament, u cioe’ mill-5 ta’ Settembru, 2006 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’mitejn u tletin Euro u ghoxrin centezmu (€230.20), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------